MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2007

Numru. 568/2001

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Cordina)

vs

Emanuel Scerri

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, Emanuel Scerri ta’ seba’ u erbghin (47) sena, bin Emanuel u Doris nee’ Cassar, imwieled Valletta fit-28 ta’ Ottubru, 1959 u li joqghod fl-indirizz “Noca” 16, Triq ta’ l-Ahfar, Kirkop, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 693759M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fid-19 ta’ Settembru, 2001, u f’dati precedenti, f’Hal Kirkop u fi

bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

Ghal qligh jew bi skop ta' kummerc bena, bidel, ghamel, ipposseda, biegh jew xtara xi apparat li bih jista jikkonnetti kontra l-ligi ma' sistema ta' telekomunikazzjoni. Dan bi ksur ta' l-Artikolu 298(a) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bi qligh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor irripproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam xi artikolu jew xi haga bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil/jew taht il-ligi ta' Malta. Dan bi ksur ta' l-Artikolu 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet gentilement mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti. Kif ukoll jekk ikun il-kaz tikkundanna lil Emanuel Scerri, ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni. Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-artikoli tal-ligi mibghuta mill-Avukat Generali nhar it-12 ta' Awissu, 2002 (a *folio* 117).

Semghat lill-imputat jiddikjara fis-seduta tat-22 ta' Marzu, 2005 li ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta a *folio* 119 tal-process.

Semghat lill-partijiet jitrattaw il-kawza fis-seduta tal-5 ta' Dicembru, 2006.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-4 ta' Ottubru, 2001, xehed l-Ispettur Joseph Cordina kif jirrizulta a *folio* 13 et seq ta' l-atti fejn qal li

huwa kien ircieva kwerela minghand Dr Anthony Tonna (li sussegwentement irrizulta li kien Dr David Tonna) li kien qed jagixxi ghan-nom tas-socjeta’ estera Irdeto Access B.V. fejn gie allegat li s-socjeta’ Ex Sat Systems Limited ta’ ‘Noca’, 23, Triq l-Ahfar, Kirkop, li taghha Emanuel Scerri kien direttur, kellha fil-pussess taghha materjal li kien qed jintuza sabiex jigu loaded blank *Smart cards* li jippermettu li wiehed jikkonnettja mas-sistema tas-satellita minghajr awtorizazzjoni u li l-imsemmija socjeta’ kienet qed tbiegh u tiddistribwixxi dawn l-i*smart cards*. Huwa ghalhekk inkariga lil PS130 Ivan Cilia u lil PC 474 Norbert Said sabiex jaghmlu tfittxija fl-imsemmi fond f’Hal Kirkop u f’dan il-post instabu xi affarijiet bhal computer, cam, floppy disks, *smart cards* u Millenium *programmer* u receiver. L-Ispettur Cordina qal li huwa kien kellem lil Emanuel Scerri fid-19 ta’ Settembru, 2001 u dan irrilaxxja stqarrija wara li inghata s-solita twissija liema stqarrija tinsab esebita a *folio* 19 u 20 tal-process. Meta rrilaxxja din l-istqarrija, l-imputat spjega lill-Ispettur Cordina li huwa kien isewwi apparat elettroniku u jbiegh satellite receivers. Dwar l-apparat li nstab imwahhal mal-kompjuter meta saret it-tfittxija l-imputat qal lill-Ispettur Cordina li huwa kien juza dan l-apparat sabiex bil-kompjuter ikun jista’ jipprogramma l-I*smart cards* billi minn fuq floppy disks jitfa l-informazzjoni ghal fuq il-*cards*. L-imputat qallu wkoll li l-i*smart cards* li gew elevati kienu tieghu u li meta xi hadd kien jitolbu jiprogrammalu l-card, kien jehodlu l-card u jaghtieh wahda programmata u lesta. L-Ispettur Cordina spjega li l-imputat kien qallu wkoll li kien juza ic-channel tas-Seca sabiex jipprogramma u gieli utilizza wkoll l-Irdeto. L-imputat kien qal lill-Ispettur li huwa kien jaghmel dan il-loading tal-*cards* bla hlas u dan sabiex ikun jista’ jbiegh is-sistema u cioe’ is-satellite receivers. Meta gie mistoqsi jekk kienx jaf li qed jikser il-ligi l-imputat irrisponda li huwa ma kellux alternattiva ohra ghaliex l-i*smart cards* originali ma kienux jinbieghu hawn Malta.

Illi fl-24 ta’ Ottubru, 2002 xehed Dr Antoine Camilleri li prezenta xi dokumenti ghan-nom tas-socjeta’ kwerelanti Irdeto Access B.V. ta’ l-Olanda liema dokumenti kienu jikkonsistu f’kopja tac-certifikat tar-registrazzjoni taht il-ligi Olandiza ta’ l-imsemmija socjeta’ kwerelanti kif ukoll kopja

originali ta’ dikjarazzjoni ta’ rapprezentant tas-socjeta’ kwerelanti , u cioe’ Stephen Kuster (a *folio* 56 et seq);

Illi fit-23 ta’ Jannar, 2003 xehed Dr Stephen Muscat li pprezenta kopja ta’ kwerela datata 13 ta’ Lulju, 2001 (a *folio* 71 u 72 tal-process) kif ukoll rapport li kien sar minn rapprezentant tas-socjeta’ kwerelanti.

Illi fl-4 ta’ Ottubru, 2001 xehed PC 474 Norbert Said fejn qal li huwa kien prezenti meta l-imputat irrilaxxja l-istqarrija tieghu.

Illi fis-7 ta’ Dicembru, 2001 u fl-24 ta’ Marzu, 2002 xehed PC130 Ivan Cilia li spjega li fid-19 ta’ Settembru, 2001 huwa u PC 474 kien ghamlu tfittxija fir-residenza ta’ l-imputat minn fejn kien gie elevat equipment elettroniku li huwa esebixxa u li gie mmarkat bhala Dok IC1 sa IC7. Huwa pprezenta wkoll rcevuta ffirmata mill-imputat, minnu u minn PC474 li telenka l-oggetti li gew elevati meta saret it-tfittxija fir-residenza ta’ l-imputat (Dok. IC8 a *folio* 31).

Illi fid-19 ta’ Frar, 2004 din il-Qorti kif diversament preseduta kienet hatret lil Martin Bajada bhala espert ta’ l-informatika bl-inkarigu li jirrelata jekk is-software ta’ l-i*smart cards* in kwistjoni huwiex awtentiku.

Illi Martin Bajada xehed fis-seduta ta’ l-10 ta’ Mejju, 2004 u spjega li ma kienx f’pozizzjoni li jespleta l-inkarigu lilu moghti peress illi ma kellux bizzejjed informazzjoni u dan ghalkemm huwa kien ha l-apparat elevat u ra x’fih.

Illi fis-seduta tat-22 ta’ Marzu, 2005 il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma kelliex aktar provi xi tressaq u dan peress li l-parti civili kienet naqset milli tipprovdi l-informazzjoni necessarja lil Martin Bajada kif mitluba f’Mejju, 2004. Fil-fatt l-espert informatiku qatt ma espleta l-inkarigu lilu moghti.

Illi l-imputat ghazel li ma jixhidx f’dawn il-proceduri ghalkemm kif diga ntqal aktar il fuq *a tempo vergine* ta’ l-investigazzjoni huwa kien irrilaxxja stqarrija li tinsab esebita fl-atti a *folio* 19 u 20 tal-process. F’din l-istqarrija l-

imputat qal li huwa kien jahdem bhala technician ghal rasu u kellu kumanija bl-isem ta’ Ex SAT Systems Limited. Huwa kien jopera mid-dar teighu stess u kien jaghmel xoghol ta’ tiswija ta’ apparat elettroniku u bejgh ta’ satellite receivers. Huwa stqarr li l-apparat li l-pulizija kienu sabulu mwahhal mal-kompjuter, liema apparat tista’ tipprogramma *smart cards* li bihom wiehed jaccedi ghal programmi tat-*television* trasmessi mis-satellita, huwa kien juzah sabiex jipprogramma l-*cards* billi minn fuq *floppy disk* jitfa’ l-informazzjoni ghal fuq *card*. Dan l-apparat li jissejjah Millennium *programmer* ikun ikkollegat mal-kompjuter u jipprogramma l-*cards*. Huwa qal ukoll li l-i*smart cards* li sabu l-Pulizija kienu tieghu u spjega li meta xi hadd kien jitolbu sabiex jipprogrammalu *card* huwa kien jitolbu jikkonsenjalu l-*card* tieghu kien imbaghad jaghtieh wahda programmata bil-lest. L-imputat qal li huwa kien juza s-*Seca channel* sabiex jipprogramma u gieli utilizza l-*Irdeto.* Huwa qal koll li ma kienx jithallas ghal dan ix-xoghol u kien jaghmlu ghaliex altrimenti ma kienx jirnexxielu jbiegh is-sistema, u cioe’ s-*satellite receivers*. Meta mistoqsi jekk huwa kienx konxju li qed jikser illigi, l-imputat irrisponda li ma kellux alternattiva ohra ghaliex wiehed ma setghax igib *cards* originali Malta.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta’ l-ewwel akkuza, u cioe’ dik ikkontemplata fl-Artikolu 298 A (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-imputat gie akkuzat is-segwenti:

“Ghal qliegh jew bi skop ta’ kummerc, bena, biddel, ghamel, ipposseda, biegh jew xtara xi apparat li bih jista’ jikkometti kontra l-ligi ma’ sistema ta’ telekomunikazzjoni”.

Il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-ewwel akkuza sal-grad rikjest mill-ligi fil-kamp kriminali, u cioe’ lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Fl-istqarrija minnu rilaxxjata fil-kors ta’ l-investigazzjonijiet fil-fatt l-imputat stess ammetta li l-*Millenium programmer* li nstab ikkomunikat mal-kompjuter tieghu huwa kien juzah sabiex jipprogramma *smart cards* vojta billi minn fuq *floppy disk* jitfa’ l-informazzjoni ghal fuq il-*cards* u b’dawn il-*cards* li

huwa kien jipprogramma wiehed seta jaccedi ghal programmi tat-*television*. Huwa qal li ma kienx izomm flus ghal dan ix-xoghol izda spjega li huwa kien jaghmel dan ghaliex altrimenti ma kienx jirnexxielu jbiegh is-*satellite receivers* u dan peress li *smart cards* originali ma kienux jinbieghu hawn Malta. Il-Qorti hija ghalhekk tal-fehma li ghalkemm l-imputat jghid li ma kienx izomm flus ghax-xoghol ta' programmar innifsu, huwa jammetti li kien jaghmel dan sabiex ikun jista' jbiegh is-*satellite receivers*, u ghalhekk kien jaghmel hekk ghall-iskopijiet ta' kummerc. Jidher ghalhekk li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li kienu jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi sabiex jissussisti r-reat in dizamina u cioe' li l-imputatipposseda apparat li bih huwa seta jikkonnetti kontra l-ligi ma sistema ta' telekomunikazzjoni bi skop ta' kummerc. Il-ligi tghid "ghal qligh jew bi skop ta' kummerc" u f'dan il-kaz l-imputat kien qed jikkommetti bi skop ta' kummerc ghaliex huwa ried ibiegh is-*satellite receivers* li altrimenti ma kienx jirnexxielu jbiegh keiku ma jipprovdix l-i*smart cards* li kien jipprogramma illegalment permezz tal-*Millenium programmer*.

Il-Qorti sejra issa tghaddi sabiex tezamina it-tieni akkuza migjuba fil-konfronti ta' l-imputat odjern, u cioe' dik kontemplata fl-Artikolu 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema Artikolu jiddisponi is-segwenti:

"Kull min, ghal qligh, jew bi skop ta' kummerc jistampa, jimmanifattura, jiddupplika jew mod iehor jirriproduci jew jikkopja, jew ibiegh, iqassam, jew mod iehor joffri ghal bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha…"

U l-proviso ta' dan l-istess Artikolu jipprovdi s-segwenti:

"Procedimenti taht dan l-Artikolu ma jistghux jittiehdu hlief bil-kwerela tal-parti offiza."

Issa kif diga inghad il-fuq il-Qorti fil-kors ta' dawn il-proceduri kienet innominat bhala espert ta' l-informatika lil Martin Bajada bl-inkarigu li jirrelata dwar l-awtenticita' *o*

*meno* ta’ l-i*smart cards* li gew elevati mill-Pulizija mir-residenza ta’ l-imputat. Dan l-espert ma setghax jespleta l-inkarigu lilu moghti ghaliex is-socjeta’ kwerelanti naqset milli tipprovdih b’certu informazzjoni mehtiega sabiex huwa jkun jista’ jiddetermina jekk l-informazzjoni li kien hemm fuq l-i*smart cards* kienitx awtentika jew jekk altrimenti kienitx qed issir bi ksur tal-jeddijiet ta’ dritt ta’ l-awtur li kellha l-istess socjeta’ kwerelanti. Ghalhekk ma ngabet ebda prova li tindika li kienu qed jigu vjolati id-drittijiet ta’ l-awtur appartenenti lis-socjeta’ kwerelanti u l-imputat mhux ser jigi misjub hati tat-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tieghu peress li din ma gietx pruvata.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet premessi u wara li rat l-Artikoli 18, 298(A) (a), 298B tal-Kap 9 tiddikjara li qed issib lill-imputat Emanuel Scerri hati ta’ l-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu u tikkundannah ihallas multa ta’ mitejn lira Maltin (LM200) u tiddikjarah mhux hati tat-tieni akkuza u konsegwentement tilliberah minnha.

Il-Qorti qedgha wkoll tordna l-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti (Dok. Nru. IC1 sa Dok. Nru. IC7).

In vista tal-fatt li ma jirrizultax li kien hemm spejjes konnessi mal-hatra ta’ esperti, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba maghmula mill-Prosekuzzjoni *ai termini* ta’ l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------